# Anki t-Tislima

"Adieu! Adieu!" Idejja t-tnejn imtellgħa
għal-lest biex insellmilkom l-aħħar darba,
il-festa li stennejt dan iż-żmien kollu.
"Adieu! Adieu!" Imħabbti kollha nfaqtha,
fadalli ftit tbissim, u forsi ħarsa,
u forsi xewqa, forsi xi tislija.
Kellimt lil kull għasfur, sellimt kull siġra,
U magħhom bkejt u magħhom xtaqt li nifraħ
Xi darba ma nafx meta. Staġun tiegħi!
Illum bilkemm illaqqat bikja sħiħa
mid-dmugħ qadim li fadal f'din in-nixfa.
Stennejt f'kull ajruport, u aktar, aktar,
Ma fadal xejn ħlief din il-mistennija.
Hawn jien, "Adieu! Adieu!" b'idejja mtellgħa,
Turist mitluf, ikolli nbaxxi rasi,
Insellem kif sellimt diġà, u nitlaq,
Iżd'għadni f'dan il-kju, skantat inħares
U ngħodd is-snin, u ntenni kelma waħda
Li naf bl-amment, imbeżża' li ninsieha.
Jekk jgħaddi aktar ħin, anki t-tislima
Ma tiswa xejn, u jkolli nniżżel idi.

***Oliver Friggieri***